MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 89/2010

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-esponent u l-intimata C D kienu kkontrattaw iz-zwieg bejniethom bir-rit civili nhar it-2 ta' Dicembru tas-sena 1978 (Dok. A);

U peress illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien jinsab ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

U peress illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien ivvizzjat fis-sens li nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga ai termini tal-artikolu 19 (1) (f) Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

U peress illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet ghandu jigi meqjus bhala null u bla effett fil-ligi;

Illi l-esponent jiddikjara li huwa, il-fatti hawn fuq esposti u debitament enumerati jaf bihom personalment.

Ghaldaqstant, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti bir-rit civili nhar it-2 ta' Dicembru 1978 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dana ai termini tal-artikoli 19 (1) (d) u/jew (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Tordna konsegwentement li tigi registrata l-annotazzjoni relattiva u opportuna fl-Att taz-Zwieg tal-kontenenti hawn anness u mmarkat Dok. A.

Bl-ispejjez kontra l-intimata minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-intimata C D, ghalkemm debitament notifikata, ghazlet li ma twegibx ghall-kawza ghalkemm dehret fl-udjenza.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet ix-xhud.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Il-Qorti tibda biex issostni l-principju fondamentali tal-prezunzjoni tal-validita' taz-zwieg (ara "**Joseph Zammit**

**vs Bernadette Zammit**” [deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-27 ta’ Jannar, 2006]).

In sostenn tat-talba tieghu, ir-rikorrenti xehed bil-procedura tal-affidavit. Ipproduca ukoll affidavit ta’ E F u iehor ta’ G H. Xehedet ukoll l-intimata in subizzjoni.

Fl-affidavit tieghu huwa jammetti hekk:

“*It-tip ta’ hajja li kont nghaddi minn meta kont zghir kienet wahda ixxellerata ferm. Dejjem nigri u ndur ma’ hbiebi niehdu gost bil-kumpanija ta’ xulxin, nixorbu minn bar ghal iehor. Minn eta’ zghira kont anke bdejt niffrekwenta u jkolli x’naqsam man-nisa. Mhux biss kont indur minn wahda ghall-ohra qisu xejn mhu xejn izda gieli anke mort ma aktar minn mara wahda fl-istess gurnata. Gieli kienu jkunu nisa li niltaqa’ maghhom f’dawn il-postijiet ta’ divertiment jew mir-rahal u gieli anke mort u kelli x’naqsam ma nisa tax-xoghol.*

*Nghid illi mill-bidu nett kien ikolli problemi mal-mara tieghi peress illi ta’ sikwit kont immurilha fis-sakra u anke xi drabi kont nasal biex nerfa’ idejja fuqha. Fiz-zmien kollu li domt nohrog mal-mara cioe’ minn meta kelli sittax-il sena sakemm izzewwigtha ta’ 21 sena, konna niltaqghu biss fil-weekends u mhux dejjem u necessarjament kull weekend. Pero’ nghid illi waqt li kont qed nohrog ma’ marti qabel iz-zwieg, jiena xorta wahda kont ukoll nohrog u niffrekwenta lill-hbieb tieghi. Qatt ma hassejtni li kont jew kelli nkun marbut mal-mara biss cioe’ li nkun fidil lejha. Fil-fatt anke qabel iz-zwieg, jiena gieli hrigt ma’ nisa ohra. Difatti, fil-granet meta ma kontx nohrog ma’ marti, jiena kont nohrog mal-hbieb tieghi fejn kont immur ma’ nisa ohra. Gieli anke kont inwassal lill-mara d-dar u mbaghad nerga’ nohrog mal-hbieb u nibqa’ barra sal-ghada filghodu.*

*Jiena minn dejjem kont nghidilha lil marti li ma kontx tajjeb ghaz-zwieg il-ghaliex ma kontx bniedem li nemmen fl-ghaqda ghal dejjem u lanqas ma kont xi tip li nista’ nissaporti li nkun u nibqa’ ma’ mara wahda. Pero’ marti kienet waslet fl-estremita’ li ma setghetx tibqa’ tghix id-dar mal-genituri taghha peress illi tal-familja taghha kienu qed*

*jinsistu maghha biex titlaqni ghax ma kontx tajjeb ghaliha minhabba l-atteggjament tieghi ta' xalatur u ta' bniedem vjolenti. Min-naha tieghi, jiena ukoll kien qed ikolli problemi mal-genituri tieghi u kont qed ninkwetahom tassew. Dejjem nigri barra u nidhol filghodu kmieni. Gieli kienu jarawni fis-sakra jew jisimghu b'xi glidiet li kont nidhol ghalihom bhall-hobz.*"

Dan kollu gie konfermat mix-xhieda l-ohra prodotti, u partikolarment mill-mara tieghu meta xehedet viva voce in subizzjoni.

Il-materja ta' simulazzjoni giet estensivament ezaminata mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Adrian Busietta vs Eileen Busietta**", (deciza fit-30 ta' April, 2009):

"*Fid-duttrina jinghad li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b'att posittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali), jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali) – ara f'dan is-sens* ***Muscat vs D Grech noe****, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Awwissu, 1995. Kif jinghad ukoll minn O. Giacchi fil-ktieb "Il consenso nel matrimonio canonico" (Ediz. 1968 pagna 92),*
*"Nell'animo del nubente, perche' si abbia simulazione... occorre che vi sia non un'assenza della volonta' matrimoniale, ma la presenza di una positiva volonta' di escludere".*"

Il-Qorti tirreferi ukoll ghad-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "**Dr Stephen Muscat noe vs Maria D Grech**", (deciza fl-14 ta' Awissu, 1995):

"*Ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda nternament u b'att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali)*

*jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali).*"

Fil-kawza "**John Micallef Engerer vs Corinne Camilleri**" (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-22 ta' Ottubru, 2002), inghad illi:

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-subinciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.*"

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, il-Qorti tqis li dak li jsostni r-rikorrent gie pruvat.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara illi z-zwieg bejn A B u C D fit-2 ta' Dicembru 1978 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------